MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 44/2014

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Spiteri Patrick u**

**b'digriet tal-20 ta' Mejju 2014**

**gew nominati Dr. Patrick Valentino u PL Joeline Pace Ciscaldi**

**bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-interessi**

**tal-assenti Patrick Spiteri**

**Spiteri Sylvana**

**Foresight Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank attur tas-17 ta' Jannar 2014 li jghid hekk:

Illi permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Mark Coppini datat 30 ta' Gunju 2004 (Dok 'A') l-intimati Patrick u Sylvana Spiteri bhala debituri principali u Foresight Holdings Limited bhala garanti taghhom kkostitwew ruhhom debituri tas-socjeta rikorrenti;

Illi wara li saru diversi pagamenti, is-socjeta intimata baqghet debitrici tal-intimati u ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u s-socjeta rikorrenti qieghda titlob l-awtorizzazzjoni skond l-artikolu 258 tal-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tas-socjeta intimata Foresight Holdings Limited u tal-intimati konjugi Spiteri ghal-bilanc li ghadu dovut;

Ghalhekk is-socjeta rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament x-xorta tad-dejn ... li jkun l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu ghadu dovut".

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputat tat-12 ta' Gunju 2014 li tghid hekk:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Semghet lil-avukat tal-bank rikorrenti li ddikjara li l-fatti ma nbiddlux mindu gie prezentat ir-rikors;

Billi mil-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fir-rikors hi skond il-ligi;

Tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------